

- tannula, sa fejn dawn l-atti jirrigwardaw lir-rikorrent:
- ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/108 tas-26 ta' Jannar 2015;
- id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/117 tas-26 Jannar 2015;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispjjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-653/11, Jaber vs Il-Kunsill ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU 2012, C 58, p. 12.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2015 – Kaddour vs Il-Kunsill

(Kawża T-155/15)

(2015/C 190/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Khaled Kaddour (Damas, is-Sirja) (rappreżentanti: A. Boesch, D. Amaudruz u M. Ponsard, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tordna l-produzzjoni tal-proċess tal-kawża T-654/11;
- tirriżerva favur ir-rikorrent id-dritt li jippreżenta replika u, f'din l-okkażjoni, li jippreżenta atti ġodda u li jressaq ix-xhieda;
- tannulla, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrent:
 - ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/108, tas-26 ta' Jannar 2015;
 - id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/117, tas-26 ta' Jannar 2015;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-kawża T-653/11, Jaber vs Il-Kunsill ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU 2012, C 58, p. 12.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2015 – Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-156/15)

(2015/C 190/28)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: F. Alabrune, G. de Bergues, D. Colas u C. Candat, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla parzjalment id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2015) 53 finali, tas-16 ta' Janjar 2015, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), sa fejn, fil-kuntest tal-ghajjnuna diretta, hija bbażata fuq konstatazzjonijiet li ma ġewx indikati fil-kuntest tal-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u sa fejn is-sistema ta' kontroll ma tippermettix l-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet agrikoli tajbin u ambjentali għas-snin mitluba 2011 u 2012;
- tannulla parzjalment id-Deċiżjoni C (2015) 53 finali sa fejn hija teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni l-infiq kollu mwettaq fis-settur tal-ghajjnuna fuq is-superfiċi fil-Korsika ta' Fuq għas-snin mitluba 2010 *et seq*;
- tannulla parzjalment id-Deċiżjoni C (2015) 53 finali sa fejn hija teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni l-infiq imwettaq mir-Repubblika Franċiża fil-kuntest tal-ghajjnuna bħala indennizz kumpensatorju tal-ostakoli naturali dwar it-taqsim 2 tal-programm rurali eżagonali bħala eżerċizzji finanzjarji 2010, 2011, 2012, u 2013. Sussidjarjament, tannulla parzjalment din id-deċiżjoni sa fejn teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea dik il-parti tal-infiq imwettaq mir-Repubblika Franċiża fil-kuntest tal-ghajjnuna ICHN għal ovini li kienu suġġetti għal kontrolli fil-post bħala kontrolli tal-identifikazzjoni tal-annimali;
- tannulla parzjalment id-Deċiżjoni C(2015) 53 finali sa fejn hija teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni l-infiq imwettaq mir-Repubblika Franċiża fis-settur tar-ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor sa limitu ta' 25 % tal-infiq imħallas lill-produtturi taz-zokkor li bbenefikaw minn ghajjnuna għaż-żarmar sħiħ u miżmuma bħala silos ta' ħażna; sussidjarjament, tannulla parzjalment din id-deċiżjoni għar-raġuni li l-korrezzjoni finanzjarja imposta sa' limitu ta' 25 % tal-infiq bħala ghajjnuna mħallsa lill-produtturi taz-zokkor li bbenefikaw minn ghajjnuna għaż-żarmar sħiħ u miżmuma bħala silos ta' ħażna hija sproorzjonata;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka tmien motivi li jikkonċernaw tliet aspetti tad-deċiżjoni kkontestata.

- Fuq il-parti tad-deċiżjoni kkontestata li tikkonċerna s-settur tal-ghajjnuna diretta, l-ewwel taqsim, taħt l-eżerċizzji finanzjarji 2011, 2012, u 2013
 1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) 885/2006 ⁽¹⁾ u tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorreni, sa fejn il-korrezzjoni fissa imposta fuq il-pagamenti kollha tal-ghajjnuna fis-settur indikat qabel, ħliet għall-Korsika ta' Fuq, hija bbażata fuq nuqqasijiet mhux ikkomunikati lir-rikorreni.
 2. It-tieni motiv, imqajjem sussidjarjament, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament 73/2009 ⁽²⁾ u tal-Anness III tal-imsemmi regolament.
 3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) 885/2006 u tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorreni, sa fejn il-korrezzjoni finanzjarja applikata f'dan is-settur għall-infiq kollu bħala ghajjnuna fil-Korsika ta' Fuq hija bbażata fuq nuqqasijiet mhux ikkomunikati lir-rikorreni.
 4. Ir-raba' motiv, imqajjem parzjalment fuq bażi sussidjarja, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u ta' nuqqas ta' osservanza tad-dokument Nru VI/5330/97 tal-Kummissjoni, tat-23 ta' Diċembru 1997, intitolat "Linji diretrici dwar il-kalkolu tal-konsegwenzi finanzjarji fil-preparazzjoni tad-deċiżjoni ta' verifika tal-kontijiet tal-FAEG-Garanzija".

- Fuq il-parti tad-deċiżjoni kkontestata li tikkonċerna l-kumpensi għall-ostakoli naturali dwar it-taqsimha 2 tal-programm rurali eżagonali – FAEŻR
 5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 10(2) u (4), u tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) 1975/2006 ⁽³⁾, peress li l-Kummissjoni qieset bi żball li r-rikorrenti kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha fil-qasam tal-kontrolli għar-raġuni li hija ma kinitx wettqet l-għadd tal-annimali matul il-kontrolli fil-post.
 6. Is-sitt motiv, imqajjem sussidjarjament, ibbażat fuq estensjoni illegali tal-applikazzjoni tal-korrezzjoni fissa għall-ovini mhux eliġibbli għall-primjum tan-nagħaġ.
- Fuq il-parti tad-deċiżjoni kkontestata li tikkonċerna l-korrezzjoni finanzjarja applikata fis-settur tar-ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor
 7. Is-seba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament 320/2006 ⁽⁴⁾, u tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 968/2006 ⁽⁵⁾, peress li l-Kummissjoni eskudiet mill-finanzjament tal-Unjoni ċertu nfiq imwettaq mir-rikorrenti fis-settur indikat iktar 'il quddiem għar-raġuni li s-silos ta' ħażna taz-zokkor miżmuma ferba' siti Franċiżi huma installazzjonijiet ta' produzzjoni.
 8. It-tmien motiv, imqajjem sussidjarjament, ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas u ta' korpi oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR (ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 162).

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, p. 16).

⁽³⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1975/2006 tas-7 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, dwar l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll kif ukoll il-konformità reċiproka rigward il-miżuri ta' sostenn għall-iżvilupp rurali (ĠU L 330M, 9.12.2008, p. 455).

⁽⁴⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jstabilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 29).

⁽⁵⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 968/2006 tas-27 ta' Ġunju 2006 li jstipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jstabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità (ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 183).

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2015 – L-Estonja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-157/15)

(2015/C 190/29)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Estonja (rappreżentant: Kristi Kraavi-Käerdi)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015)53, tas-16 ta' Jannar 2015, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ⁽¹⁾, sa fejn din tirrigwarda lir-Repubblika tal-Estonja fir-rigward ta' ammont ta' EUR 691 746,53;

— tordna lill-konvenuta tbatli l-ispejjeż.